MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 543/2006/1

**Raymond Zammit**

**v.**

**1) General Workers Union**
**2) Charles Mizzi, Joseph Sapiano,**
**u l-Avukat Gianfranco Gauci bhala Chairman**
**u membri rispettivament komponenti**
**l-Bord tad-Dixxiplina – General Workers Union**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur prezentat fil-15 ta' Gunju 2006, li jaqra hekk:

"Illi l-esponent huwa mpjegat u *shop steward* tal-impjegati tal-General Workers' Union u huwa membru wkoll tat-Taqsima Servizzi u Media tal-istess Union intimata.

"Illi b'ittra datata 18 ta' Mejju 2006, hawn annessa u markata bhala Dokument A, l-esponent gie mgharraf mill-Kap Ezekuttiv Amministrazzjoni u Rizorsi Umani tal-General Workers' Union illi hu kien qed jigi akkuzat li kiser l-Artikolu 26 Proceduri ta' Dixxiplina paragrafu 14 (d) u 14 (g) tal-Ftehim Kollettiv, u li kien hemm il-hsieb li jinbdew proceduri ta' dixxiplina kontra tieghu fir-rigward skond kif provdut fil-Ftehim Kollettiv. L-esponent permezz ta' din l-ittra gie nfurmat ukoll li l-offiza li kienet qed tigi imputata lilu kienet wahda serja u li setghet twassal ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg, u gie nfurmat ukoll li kien qed jigi sospiz mill-impjieg, (b'nofs paga) sakemm jinstema' u jigi deciz il-kaz.

"Illi l-esponent qed jigi ngustament u nfondatament addebitat lilu illi kien ghadda lil media tal-Partit Nazzjonalista ittra datata 4 ta' Mejju 2006 miktuba minn Gejtu Mercieca, Deputat Segretarju Generali tal-General Workers' Union, lill-haddiema kollha tal-General Workers' Union, li qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument B, u li sussegwentement giet imxandra fl-ahbarijiet ta' Net Television.

"Illi jirrizulta illi l-imsemmija ittra kienet intiza bhala wahda ntrappolanti u kienet *coded* skond kif jirrizulta mill-aness Dokument C, u saret minn Tony Zarb u/jew Gejtu Mercieca, Segretarju Generali u Deputat Segretarju Generali tal-General Workers' Union rispettivament, jew taht istruzzjonijiet taghhom.

"Illi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kif hawn fuq kompost effettivament inbdew il-proceduri ta' dixxiplina kontra l-esponent, u precizament fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2006 l-esponent iddikjara li hu kien ghazel lil Karmenu Vella u lill-Avukat George Abela bhala persuni ta' fiducja tieghu biex jiddefenduh f'dan il-kaz, kif ukoll fil-kapacita' taghhom ta' rapprezentanti tat-Taqsima li taghha huwa membru l-esponent (Servizzi u Media) u fil-kapacita' legali tal-

imsemmi avukat rispettivament, skond kif jirrizulta mill-verbal ta' din is-seduta li qed jigi anness u markat bhala Dokument D.

"Illi Manwel Farrugia, rapprezentant tal-General Workers' Union f'dawn il-proceduri, oggezzjona ghal din l-ghazla tal-esponent u dana peress li skond hu din kienet tmur kontra l-artikolu 26.6 tal-Ftehim Kollettiv, u minhabba l-fatt illi kif kiteb Tony Zarb fl-ittra esebita quddiem il-Bord, l-esponent ried jaghzel bejn persuna ta' fiducja tieghu jew rapprezentant tat-Taqsima, kif jirrizulta ahjar mid-Dokument E anness.

"Illi l-Ftehim Kollettiv vigenti u li jirregola dan il-kaz ta' dixxiplina jipprovdi fl-artikolu 26.6 illi '*L-impjegat akkuzat u l-Management jistghu jkunu mghejjuna minn persuna jew persuni ta' fiducja jew minn rapprezentant tat-Taqsima fil-kaz tal-impjegat'.*

"Illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2006, wara li l-Bord ta' Dixxiplina qara l-ittra datata 23 ta' Mejju 2006 miktuba mis-Segretarju Generali tal-General Workers' Union Tony Zarb (Dokument E anness), l-istess Bord iddecieda illi l-esponent kellu d-dritt li jkun mghejjun u assistit jew (a) minn persuna jew persuni ta' fiducja tieghu jew (b) mis-Segretarju tat-Taqsima tieghu u mhux mit-tnejn flimkien, u ghalhekk il-Bord idderiega lill-esponent sabiex seduta stante jaghzel u jiddikjara jekk hux ser ikun rapprezentat minn persuna/persuni ta' fiducja tieghu jew minn rapprezentant tat-Taqsima ai termini tal-Ftehim Kollettiv.

"Illi f'dan l-istadju l-esponent rega' ddikjara li l-ghazla tieghu kienet li jkun assistit minn Karmenu Vella u mill-Avukat George Abela, bhala persuni ta' fiducja tieghu u fil-kaz ta' Karmenu Vella, ukoll fil-kapacita' tieghu ta' rapprezentant tat-Taqsima Servizzi u Media tal-General Workers' Union u bhala legali fil-kaz tal-Avukat Abela.

"Illi f'dan l-istadju r-rapprezentant tal-General Workers' Union f'dawn il-proceduri Manwel Farrugia ghall-General Workers' Union rega' tenna l-oggezzjoni tieghu ghall-ghazla tal-esponent li jkun assistit minn persuna ta' fiducja

tieghu u mis-Segretarju tat-Taqsima flimkien, u f'dan l-istadju l-esponent tramite l-legali tieghu iddikjara li kellu dritt li jaghzel lil min jiddefendih bl-ahjar mod, u wara li ddikjara wkoll li d-decizjoni tal-Bord kienet tilledi d-dritt ta' smigh xieraq u li hu kien ser jintavola proceduri fil-Qorti fir-rigward, il-Bord tad-Dixxiplina iddifferixxa l-kaz *sine die* pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

"Illi kif qed tigi nterpretata din id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, u anke l-klawsola relattiva tal-Ftehim Kollettiv, tillimita d-dritt tal-esponent li jaghzel l-ahjar difiza tieghu fi proceduri li jistghu jwasslu ghat-tkeccija mill-impjieg tieghu u ghalhekk id-decizjoni tal-Bord u l-klawsola relattiva tal-Ftehim Kollettiv kif qed tigi nterpretata tilledi mhux biss il-jedd fundamentali tal-esponent ghal smigh xieraq fid-determinazzjoni tal-jeddijiet u l-obbligi civili tieghu quddiem l-istess Bord, izda l-istess decizjoni qieghda wkoll tippregudikah b'mod determinanti f'kull proceduri sussegwenti li jista' jintavola quddiem xi tribunal gudizzjarju jew qorti kompetenti dwar dan il-kaz.

"Illi l-imsemmija decizjoni u l-klawsola 26.6 tal-Ftehim Kollettiv tilledi wkoll il-principju tal-*equality of arms* billi fil-kaz tal-Management dan jista' jkun dejjem assistit minn avukat fil-prosekuzzjoni tal-kaz tieghu kontra l-impjegat, filwaqt li fil-kaz tal-impjegat dan ma jistax ikun assistit minn avukat jekk jaghzel li jkollu jassistih ukoll lis-Segretarju tat-Taqsima tieghu.

"Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

"1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tat-23 ta' Mejju 2006 kompriza l-klawsola 26.6 tal-Ftehim Kollettiv tilledi d-drittijiet tal-esponent kif fuq inghad;

"2) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tat-23 ta' Mejju 2006 kompiza l-klawsola 26.6 tal-Ftehim Kollettiv hija nulla u bla effett;

“3) Konsegwentement tordna illi fil-proceduri ta’ dixxiplina kontra l-esponent quddiem il-Bord tad-Dixxiplina – General Workers Union l-esponent ghandu d-dritt li jkun assistit mis-Segretarju tat-Taqsima (Servizzi u Media) tal-General Workers’ Union li taghha huwa membru, flimkien mal-avukat ta’ ghazla u fiducja tieghu, u dan taht kull povvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

“B’riserva ta’ azzjoni tad-danni kontra l-intimati u bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut General Workers Union (fol. 15) li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Preliminarjament, illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni sabiex tisma’ u tiddeciedi dwar it-talba ta’ l-attur ghat-thassir tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina in kwantu tali funzjoni kienet tispetta lill-Bord ta’ l-Appell previst fil-Ftehim Kollettiv applikabbli ghall-impjegati tal-Union eccipjenti;

“2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni sabiex tisma’ u tiddeciedi dwar it-talba ta’ l-attur ghat-thassir ta’ xi parti mill-Ftehim Kollettiv, jew l-interpretazzjoni ta’ l-istess Ftehim, in kwantu huwa t-Tribunal Industrijali li huwa vestit bil-gurisdizzjoni esklussiva a tenur ta’ l-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li *pacta sunt servanda,* ossia li l-procedura dixxiplinarja applikabbli ghall-impjegati tal-Union eccipjenti hija regolata bil-patti liberament maqbula u stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv u ghalhekk tali patti, nkluz il-klawsola 26.6, mhumiex suggetti ghal revizjoni jew tibdil unilaterali minn xi parti;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, palezament ma sehhet ebda limitazzjoni tad-dritt ta’ difiza ta’ l-attur waqt il-proceduri dixxiplinari, u dan kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur m’ghandux l-interess guridiku sabiex jippromwovi u/jew izomm fis-sehh l-azzjoni tentata minnu;

“6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet kollha ta’ l-attur huma guridikament insostenibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt;

“7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Charles Mizzi et (fol. 19) li in forza taghha eccepew illi
“1. Preliminarjament illi l-eccipjenti mhumiex legittimi kontraditturi tat-talbiet attrici stante li m’ghandhomx l-interess guridiku mehtieg sabiex jammettu jew jikkontestaw fil-mertu talba ghall-annullament ta’ klawsola kontenuta f’kuntratt li jikkostitwixxi ghalihom *res inter alios acta*;

“2. Illi preliminarjament ukoll, mhijiex cara n-natura legali tat-talbiet attrici billi mhux car jekk l-attur huwiex qieghed jimpunja l-validita’ tal-klawsola *de quo* fuq bazi civili jew inkella fuq bazi ta’ ksur ta’ drittijiet kostituzzjonali ta’ l-attur, f’liema kaz il-kawza kellha tinbeda b’rikors kostituzzjonali;

“3. Illi preliminarjament ukoll, kull procedura li tista’ tigi mifthiema kontrattwalment jew addottata mill-Bord tad-Dixxiplina nnifsu huwa minghajr hsara ghal kull dritt ta’ azzjoni eventwali quddiem it-Tribunal Industrijali, li ghaldaqstant ghandu guridizzjoni esklussiva sabiex jisma’ dan il-kaz;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, din l-Onorabbli Qorti mhijiex moghtija mill-ligi s-setgha li tannulla klawsola kontrattwali jekk mhux fuq bazi ta’ vizzju ta’ kunsens jew f’kaz ta’ ksur ta’ principju ta’ ordni pubbliku, u f’dan il-kaz ma tirrizulta l-ebda bazi simili;

“5. Illi fil-mertu, hija gurisprudenza kostanti fl-ambitu tad-dritt kostituzzjonali u amministrattiv li limitazzjonijiet

fuq id-dritt ta’ assistenza legali ma jikkostitwux ksur tad-dritt ghal smigh xieraq;

“6. Illi fil-process ta’ terminazzjoni ta’ impjieg, id-dritt ghal smigh xieraq da parti ta’ l-impjegat fil-konfront ta’ min jimpjegah jezisti biss in virtu’ tad-drittijiet stabbiliti kontrattwalment bejn il-partijiet li f’dan il-kaz jaghtu garanziji ferm ikbar minn dawk moghtija fil-ligi;

“7. Illi l-eccipjenti jiddikjaraw li jafu personalment bil-fatti dikjarati.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru, 2006 (fol. 23) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sens li l-meritu tal-kawza kien jinsab ezawrit, b’dan li kellha ssir trattazzjoni u decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Ottubru 2007, li in forza taghha, wara li astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu stante li dan gie ezawrit fil-mori tal-kawza, ddecidiet li l-ispejjez jithallsu mill-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi jigi rilevat li kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent, l-intimati mhux qed jirrikonoxxu li r-rikorrent kellu ragun fit-talbiet tieghu ghalhekk qed jinsistu li huma m’ghandhomx jehlu l-ispejjez tal-kawza.

“L-intimati jissottomettu li huma qatt ma kellhom oggezzjoni r-rikorrent jigi assistit mill-legali Dr. G. Abela u minn Karmenu Vella bhala persuna ta’ fiducja tieghu, imma mhux li dan ta’ l-ahhar jidher ukoll mal legali bhala Segretarju tat-Taqsima tieghu. Ir-rikorrent setgha jigi assistit minn wiehed jew l-iehor imma mhux mit-tnejn f’daqqa. Gara li fil-mori tal-kawza Karmenu Vella rrizenja minn Segretarju tat-Taqsima ghalhekk dana setgha liberament jassistih bhala persuna ta’ fiducja tieghu u mhux aktar bhala Segretarju tat-Taqsima, ghalhekk l-

intimati ma baqghux joggezzjonaw u l-mertu tal-kawza gie ezawrit. Dan gara mhux ghax l-intimati laqghu t-talbiet tar-rikorrent imma ghax l-ostakolu li kien hemm tnehha bic-cirkostanzi kif zviluppaw.

“Ghal din r-raguni biss l-intimati m’ghandhomx jehlu spejjez.

“**Interess**

“Ir-rikorrent ukoll ma baqalux l-interess li seta kellu fil-proceduri prezenti fil-bidu. Ghalkemm ma hemmx eccezzjoni formali dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku il-Qorti dejjem tista’ tqajjem dina l-eccezzjoni ex officio. (ara f’dan is-sens is-sentenza App. **G. Laferla et vs J. Lauri et** 10 ta’ Mejju 2005). Id-definizzjoni accettata hija li l-interess guridiku huwa "*l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto".* Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista’ jigi usufrwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. (Vol LXXVI p2 p 247). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta’ l-azzjoni ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista’ tissokta. (App **J. Sammut vs C. Attard** 17/2/1993 u **Calleja vs Micallef** App 1/4/1992).

“Fil-kaz in ezami meta gara li r-rikorrent setgha jigi assistit kemm minn Dr. G. Abela kif ukoll minn Karmenu Vella flimkien billi il-posizzjoni ta’ Vella tbiddlet fil-kors tal-kawza, it-talba tar-rikorrent ma kienitx aktar kapaci li tipproducilu rizultat vantaggjuz jew utili. Ghalhekk hu ma kienx baqghalu nteress li jkompli bil-kawza.

“Hemm ragunijiet ohra ghaliex l-intimati m’ghandhomx jehlu l-ispejjez tal-kawza billi l-eccezzjonijiet taghhom kienu fondati.

“**Natura ta’ l-azzjoni proposta**

“Mir-rikors promotur ma jirrizultax ezattament x’tip ta’ kawza r-rikorrent qed jipproponi, jekk hiex wahda civili,

wahda kostituzzjonali jew wahda mista. Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li specifika li hu kien qed imexxi b'kawza kostituzzjonali, izda mill-atti ma hu evidenti xejn li dina kienet kawza kostituzzjonali ghalkemm f'wahda mit-talbiet kien talab li jigi deciz li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

"L-ewwelnett f'ebda parti fir-rikors ma hemm indikat li dina l-Qorti bhala Prim Awla giet adita fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Sussegwentement lanqas ma ntalab li dina l-Qorti tikkonverti ruhha f'gurisdizzjoni kostituzzjonali biex tiddeciedi l-lanzjanzi tar-rikorrent. Lanqas ma ntalab li jiddahhal l-Avukat Generali biex ikun parti fil-proceduri. Kif jidher mir-risposta ta' l-intimati, minhabba il-mod kif saret il-kawza, dawn ma kienux f'posizzjoni li jiddefendu ruhhom ghax ma kienux jafu x'tip ta' azzjoni qed jipproponi r-rikorrent.

"**Rimedji ohra**

"Inoltre l-Qorti hi tal-fehma li l-azzjoni tar-rikorrent hija wahda intempestiva billi r-rikorrent kellu rimedji ohra disponibbili ghalih qabel javvanza l-lanjanza tieghu permezz ta' l-azzjoni prezenti. Semai r-rimedju kostituzzjonali kellu jintalab wara li jigu ezawriti r-rimedji ordinarji.

"**Drittwirkung**

"Bl-istess argument, kwantu ghall-eccezzjoni ta' l-intimati li dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni fir-rigward ta' l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet protettivi Kostituzzjonali u Konvenzjonali fir-relazzjonijiet bejn il-persuni privati, il-Qorti tirrileva li dan l-aspett tad-dritt kostituzzjonali ghadu mhux ghall kollox ben definit. Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali taghna l-posizzjoni hi li l-individwu bhala regola ghandu dritt ghal protezzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tad-jeddijiet fondamentali tieghu anke jekk kommessi minn persuni li ma kienux l-istat, izda l-individwu l-ewwel irid ifittex il-protezzjoni kontra dawn il-vjolazzjonijiet taht il-ligijiet ordinarji. Jekk imbaghad dawn il-ligijiet ordinarji promulgati mill-istat ma kienux

jassiguraw lic-cittadin il-protezzjoni shiha u allura l-istat ikun naqas li jipprovvdi tali protezzjonij, allura ma jkun hemm xejn x'izomm lill-individwu milli jagixxi kontra min kien responsabbili direttament ghall-vjolazzjoni cioe` kontra l-individwu u ghar-ridress li jista' jkollu wkoll kontra l-istat.

"Fil-kaz in ezami dina l-Qorti diga` ddecidiet li r-rikorrent ma esawriex ir-rimedji ordinarji ghalhekk ma kellux dritt li jagixxi kontra l-individwu ghal lezjoni tal-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

"**Proceduri Dixxiplinarji u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

"Kwantu ghall kwistjoni sollevata mill-intimati li l-procedura quddiem il-Bord ta' Dixxiplina f'kumpanija privata mhumiex protetti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dina l-Qorti hi tal-fehma li dawn il-proceduri dixxiplinarji mhumiex esklusi u jistghu jaqghu taht dana l-artikolu jekk certi kriterji jigu sodisfatti bhal per ezempju kif in-norma li allegatament qed tigi vjolata tigi klassifikata fis-sistema legali domestika; l-iskop ta' tali norma u natura u l-gravita' tal-piena li tista' tigi imposta fuq min jivvjola dina n-norma.

"Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li l-proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrent saru a bazi tal-ftehim kollettiv liberament miftiehem bejn il-partijiet, u fir-rikors promutur ir-rikorrent fl-ebda parti ma hu qed jattakka l-validita` ta' tali ftehim kollettiv.

"**Dritt ghal Avukat**

"Finalment il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet ma kienitx li r-rikorrent ma kellux dritt ghall avukat ghal difiza tieghu, imma li hu ma setghax jigi rapprezentat fil-proceduri fl-istess hin kemm mill-Avukat kif ukoll mir-rapprezentant tal Union. Il-Konvenzjoni ma taghti ebda dritt awtomatiku ghad-difiza minn Avukat tax-xelta ta' dak li jkun, f'kawzi civili jew quddiem Tribunali Industrjali (ara App Sammut vs Prim Ministru 27/4/1993). Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li l-partijiet quddiem il-Bord kellhom l-

istess mezzi procedurali ta' difizia disponibbili ghalihom, u fil-kaz tar-rikorrent anke aktar mill-Union."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur (fol. 98) li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi 1. tikkonferma dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu stante li dana gie ezawrit fil-mori tal-kawza u 2. tirrevoka, thassar u tannulla dik il-parti tal-istess sentenza fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Charles Mizzi et (fol. 113) li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, iddikjaraw li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata fl-integrita` (sic) taghha, mentri l-appell intavolat mill-attur huwa frivolu u vessatorju u jimmerita l-kundanna ghal hlas tad-doppie spese;

Rat ir-risposta tal-General Workers Union (fol. 117) li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, iddikjarat li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata fl-integrita` (sic) taghha, mentri l-appell intavolat mill-attur huwa frivolu u vessatorju u jimmerita l-kundanna ghal hlas tad-doppie spese;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet (Dott. Lydia Abela, Dott. Aaron Mifsud Bonnici u Dott. Gianfranco Gauci) fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur, li huwa mpjegat mal-General Workers Union u shop steward tal-impjegati tal-General Workers Union, tqieghed quddiem Bord ta' Dixxiplina, u ghazel biex jassistieh fid-difiza tieghu lill-Avv. Dott. George Abela (illum l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta) u lill-Karmenu Vella, li dak iz-zmien kien is-segretarju tat-Taqsima Servizzi u Media tal-General Workers Union li taghha l-attur kien membru. Wara li s-

Segretarju Generali tal-General Workers Union oggezzjona ghal din l-ghazla, il-Bord ta' Dixxiplina b'decizjoni mehuda fit-23 ta' Mejju 2006, ddecieda li l-attur kellu dritt li jkun mghejjun u assistit jew (a) minn persuna jew persuni ta' fiducja tieghu jew (b) mis-Segretarju tat-Taqsima tieghu u mhux mit-tnejn flimkien, u ghalhekk il-Bord idderiega lill-attur sabiex *seduta stante* jaghzel u jiddikjara jekk hux ser ikun rapprezentat minn persuna/persuni ta' fiducja tieghu jew minn rapprezentant tat-Taqsima ai termini tal-klawsola 26.6 tal-Ftehim Kollettiv. Din il-klawsola, fil-fatt, kienet tipprovdi li l-impjegat akkuzat u l-Management "jistghu jkunu mghejjuna minn persuna jew persuni ta' fiducja jew minn rapprezentant tat-Taqsima fil-kaz tal-impjegat". L-attur baqa' jinsisti li jkun mghejjun miz-zewg persuni li hu ghazel, u ressaq dawn il-proceduri fejn talab dikjarazzjoni li l-imsemmija klawsola tal-Ftehim Kollettiv u l-konsegwenzjali decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina jilledu d-drittijiet tieghu.

Fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, Karmenu Vella ma baqax jokkupa l-kariga ta' segretarju tat-Taqsima Servizzi u Media tal-General Workers Union, u, ghalhekk l-istess Union irtirat l-opposizzjoni taghha ghat-talba tal-attur li jkun mghejjun mill-Avukat Abela u l-istess Karmenu Vella t-tnejn flimkien. L-attur, ghalkemm qabel li, allura, l-meritu proprju tal-kawza tieghu kien gie ezawrit, insista li ma kellux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza peress li argumenta li, fil-principju, kellu ragun fl-ilmenti tieghu.

L-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-attur wara li qieset li l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ma taghti ebda dritt awtomatiku ghad-difiza minn avukat tax-xelta ta' dak li jkun, f'kawzi civili jew quddiem tribunali industrijali, u li l-partijiet quddiem il-Bord in kwistjoni kellhom l-istess mezzi procedurali ta' difiza disponibbli ghalihom.

L-attur appella minn din is-sentenza u sostna li l-klawsola in kwistjoni, u l-interpretazzjoni li ta ghall-istess il-Bord ta' Dixxilplina, jwasslu ghall-vjolazzjoni tal-principju tal-gustizzja naturali fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti tibda biex tafferma l-principju li l-obbligu li jigu osservati l-principji ta' gustizzja naturali hu impost, fi kliem il-House of Lords fil-kawza **Board of Education v. Rice**, deciza fl-1911, (A.C. 179) "upon everyone who decides anything". Il-principji accettati ta' gustizzja naturali huma zgur tnejn: *nemo iudex in causa propria* u *audi alteram partem*. Fil-kawza **Gonzi v. Malta Drydocks Corporation et.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, intqal hekk fil-kuntest ta' dawn il-principji:

*"Fl-ordinament guridiku bhal taghna it-tutela tal-jeddijiet fundamentali bazat ukoll fuq il-principji ta' gustizzja naturali tantecedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni b'hafna u hafna decenni u spiss taghti kopertura aktar u aktar komprensiva lil dawn il-jeddijiet. Ara "Grazio Tabone et -vs- L-Avukat Generali tar-Repubblika", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000;*

*"Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha. Ara f'dan is-sens decizjonijiet riportati a Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648 u Vol. XXXVII P II p 675, fost ohrajn;*

*"Ta' min isemmi wkoll illi l-opportunita` tad-difiza pjena, anke jekk dan mhux precizat b'mod kategoriku u dirett fl-accennati sentenzi, tinkorpora fiha l-principju daqstant iehor importanti ta' l-hekk definit "equality of arms". Principju dan illum sew stratifikat fi procedimenti ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali. "The right to a fair hearing also requires compliance with the principle of Equality of Arms. The commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases as entailing that everyone who is party to such proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case*

*to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent" (Harris, Boyle and Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights", pagna 207; "Kaufman -vs- Belgium", No. 10938/84 (1986);*

*…*

*"Jemergi b'riflessjoni tas-suesposta decizjoni u ohrajn tal-bixra taghha (ara wkoll ghal dak li jghodd fiha s-sentenza fl-ismijiet "Marthese Azzopardi -vs- Maltacom p.l.c.", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awissu 2000), illi, filwaqt li ma jidherx li qatt gie dubitat illi certa diskrezzjoni fl-applikazzjoni tar-regolamenti, u fil-limiti taghhom, giet dejjem imhollija f'idejn min jamministra jew tal-bordijiet gudikanti mill-banda l-ohra l-proceduri quddiem bordijiet imwaqqfa b'dawn ir-regolamenti kienu soggett ta' skrutinju mill-qrati ghall-ahjar harsien tal-jeddijiet fundamentali fil-kaz ta' determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta' natura civili. Ezami dan li necessarjament kien jinvolvi indagini dwar jekk parti thallietx tinstema u tressaq il-provi taghha, tkun difiza, taghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha u li jigi assikurat ukoll li d-decizjoni moghtija mhux biss tkun sew motivata, anke jekk bil-minimu konsentit, izda wkoll li kopja taghha u ta' kull dokument iehor pertinenti jigu provvduti biex il-parti tkun in grad li sew tiddefendi ruhha, u ma tkunx zvantaggjata f'kaz li tkun trid tirrikorri ghad-dritt lilha moghti ta' l-appell, jew appelli, f'dan il-kaz."*

Mill-premess isegwi li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu kontenut aktar ampju minn dak li johrog miz-zewg massimi aktar qabel imsemmija, u jinkludi, fost affarijiet ohra, id-dritt tac-cittadin ta' opportunita` ta' "difiza pjena". Jekk dan id-dritt jinkludix dritt ta' avukat a xelta ta' dak li jkun, jidher li ghadu ma giex accettat universalment. Fil-ktieb "De Smith's Judicial Review" (6 Ediz. 2007 pagna 404) jinghad li s-sitwazzjoni l-aktar sana hi "that the decision-maker possesses a discretion whether to allow legal representation and everything depends on the circumstances of the particular case. The courts may then scrutinise the exercise of that discretion according to the ordinary principles of review". Il-Qrati taghna, pero`,

jidher li hadu posizzjoni aktar cara. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Grech v. L-Avukat Generali** deciza fl-20 ta' Dicembru, 2000, qalet li meta hemm in ballo d-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligu civili ta' dak li jkun, dak l-individwu ghandu dritt ghal smigh xieraq "li certament jinkludi fost l-elementi kostituttivi tieghu dak tal-assistenza minn persuna kompetenti fid-difiza tal-jeddijiet tieghu". Fil-kawza **Farrugia v. Direttur tas-Sigurta` Socjali**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Frar, 2005, gie osservat ukoll li, fil-principju, id-dritt ghas-smigh xieraq jinkludi "il-facilita` li, fid-difiza tal-kaz tieghu, persuna ghandha jkollha rapprezentanza legali adegwat u effettiva".

Ghall-fini ta' din il-kawza, il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tapprofondixxi aktar fil-materja, u dan peress li l-attur inghata d-dritt ta' assistenza legali ("persuna ta' fiducja"), izda l-Ftehim Kollettiv izid li jekk l-impjegat jaghzel li jkun mghejjun mir-rapprezentat tat-Taqsima tieghu, ma jistax <u>ukoll</u> ikun assistit minn avukat. Din il-Qorti ma tarax li din il-klawsola tilimita d-dritt tal-attur ta' "difiza pjena" ghax, kif din il-klawsola hi formulata, ma hemm xejn xi jzommu milli jkun mghejjun minn Avukat ta' fiducja, li, da parti tieghu, <u>jikkonsulta</u> ruhu mar-rapprezentant tat-Taqsima tal-attur. Fi kliem iehor, ma hemm xejn xi jzomm lill-avukat maghzul mill-akkuzat li, anke fid-deliberazzjonijiet quddiem il-Bord, ikun <u>hu</u> mghejjun mir-rapprezentant tat-Taqsima li mieghu jkun jista' jikkonsulta. Hu ovvju li meta l-materja tincidi fuq kwistjonijiet ta' natura teknika jew ta' natura partikolari li taghha hemm nies li jkollhom esperjenza jew "knowledge" partikolari, l-Avukat ghandu jithalla jikkonsulta ruhu ma' dawk li jkunu "in the know", u dan id-dritt ta' konsultazzjoni da parti tal-"persuna ta' fiducja" ma hu bl-ebda mod u lanqas ma jista' jkun limitat mill-Ftehim Kollettiv. Li dan il-Ftehim ma jippermettix huwa li persuna akkuzata quddiem il-Bord ta' Dixxiplina jkollha zewg persuni differenti <u>bi dritt li jindirizzaw il-Bord f'isem l-akkuzat</u> b'wiehed minnhom ikun ir-rapprezentant tat-Taqsima tieghu; ma hemm xejn kontra, pero`, li l-persuna ta' fiducja maghzula jkollha warajha team ta' esperti fil-materja biex jassistiha, inkluz ir-rapprezentant tal-istess Taqsima. Daqstant iehor mhux

eskluz, jekk l-akkuzat jaghzel biex jiddefendih lir-rapprezentant tat-Taqsima tieghu, li dan tal-ahhar jikkonsulta ruhu ma' avukat u/jew persuni ohra esperti fil-materja li tkun tifforma parti mill-process ta' deliberazzjoni quddiem il-Bord. Din il-Qorti qieset li kwalunkwe restrizzjoni ghad-dritt ta' difiza trid tinghata interpretazzjoni ristrettiva, u, fejn hu possibbli, ghandha tigi interpretata favur id-dritt tal-persuna li jkollu "difiza pjena" fil-kuntest tal-proceduri li jkun involut fihom. Id-dritt innifsu ma jistax jigi kancellat lanqas b'terminologija ghal tal-apposta, u kull limitazzjoni ghall-istess trid tkun cara u moghtija interpretazzjoni favur l-ezercizzju ta' dak id-dritt bl-aktar mod wiesgha.

Hekk meqjusa din il-klawsola in partikolari, din il-Qorti ma tarax li tilimita d-dritt tal-attur ghal smiegh xieraq.

Mill-atti ma jidhirx car jekk id-decizjoni tal-Bord tat-23 ta' Mejju, 2006, kienetx qed tipprojbixxi wkoll din il-forma ta' assistenza, u ghalhekk jaqbel li, darba li l-meritu gie res akkademiku minhabba zviluppi li sehhew fil-mori tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, li l-ispejjez tal-kawza jigu spartiti b'mod ugwali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa' l-istess in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn qieset li l-meritu kien gie ezawrit, dwar l-ispejjez, tordna minflok li dawn jithallsu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuti flimkien u *in solidum*.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom ukoll jithallsu kwantu ghal nofs ($^1/_2$) mill-attur u nofs ($^1/_2$) mill-konvenuti flimkien u *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------